# Il-Ħadd 26.01.2020

1. Illum 26/01: **It-Tielet Ħadd matul is-Sena u Ħadd il-Kelma ta' Alla.**
   - Mit-8:30am sas-1:00pm ser ikun hem il-*Mobile Blood Donation Unit* f'Misraħ il-Fidwa (maġenb il-bandli), l-Imqabba. Dawk li bi ħsiebhom jagħtu d-demm mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.

2. It-Tnejn 27/01:
   - Fis-7:15pm ser issir Laqgħa importanti għall-Ġenituri ta' dawk it-tfal li se jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina din is-sena. Din ser issir fil-Museum tas-Subien.
   - ***N.B. Infakkar fl-attendenza tat-tfal għal-lezzjonijiet tal-katekiżmu organizzati mill-membri tal-Museum, kif ukoll fl-importanza tal-attendenza tal-ġenituri għal-laqgħat li jsiru minn żmien għal żmien mill-membri tal-Museum kemm tal-bniet u kemm tas-subien.***
     ***Ma nittraskurawx it-tagħlim nisrani.***

3. It-Tlieta 28/01:
   - Mit-8:30am sas-1:30pm - Attività għas-Sorelle (i.e. il-membri nisa) tal-Fratellanza tas-Sagrament.
     - Fit-8:30am - Mument ta' talb fil-kappella ta' Santa Marija.
     - Fid-9:00am - Tluq għal żjara lill-anzjani membri tal-MUSEUM f'Dar Ħanin Samaritan u wara nieħdu kafe f'post fil-qrib. Trasport provdut.
     - Fis-1:30pm - Inkunu lura f'Ħal Safi.
     - Min se jattendi jinforma lill-Kappillan.

4. Il-Ħadd 02/02, **Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju - Il-Gandlora u Jum il-Ħajja**:
   - Fid-9:00pm - Quddiesa bit-tberik tad-dawl u mument qasir ta' talb għar-reliġjużi, jiġifieri għas-sorijiet u l-patrijiet li qed iħaddnu l-Ħajja Kkonsagrata, f'dan il-jum iddedikat għalihom.

5. Avviżi oħra:
   - Għandna għal bejgħ statwi ta' San Pawl tar-resin, ta' 2 qisien:
     Kbar - € 10; Żgħar - € 6. Min hu nteressat jidħol fis-Sagristija.

6. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Illum 26/01, mis-7:30am sal-11:30am, Triq Carmelo Caruana se tkun magħluqa għat-traffiku.
   - Il-Ħamis 30/01, fil-5:00pm il-Kunsill Lokali ser jagħmel il-laqgħa annwali tal-lokalità fl-Uffiċċju tal-kunsill stess. Kulħadd mistieden biex jattendi u jagħti s-suġġerimenti tiegħu.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 130 mill-envelopes bl-Istrina tagħkom b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr.
   - € 250 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa. Grazzi mill-qalb.